**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 22 ta' Settembru 2016**

**Rikors Numru: 114/2015 CSH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 99/14 (JM) fl-ismijiet:**

**C & H Bartoli (C 383)**

**vs**

**Peter Axisa u Ta' Qali Producers Coop**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Peter Axisa f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Ta' Qali Producers Coop li gie pprezentat nhar l-10 ta' April 2015 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi fil-15 ta' Jannar 2014 il-kumpanija rikorrenti kienet ipprezentat mandat ta' qbid numerat 99/14 sabiex tikkawtela pretensjoni ta' kreditu li hija kellha kontra l-koperattiva intimata.*

*Illi t-Ta' Qali Producers Group kienet giet imwaqqfa bi ftehim mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u sussegwentement, kienet irriskontrat diffikoltajiet ekonomici kbar u kienet giet imwaqqfa kooperattiva gdida bl-isem Ta' Qali Producers Coop bil-ghan li eventwalment din tal-ahhar tinkorpora r-responsabilitajiet li kellha Ta' Qali Producers Group; biss l-ghajnuna promessa ghal dan it-tibdil mill-awtoritajiet koncernati baqghet ma waslitx kompletament u ghalhekk, kellha tieqaf topera. Fil-frattemp kienet u hija soggetta ghal diversi proceduri legali.*

*Illi l-kumpanija kreditrici kienet intavolat l-imsemmi mandat ta' qbid u qabdet l-oggetti hemm imnizzla u deskritti mill-marixxall ezekutanti.*

*Illi dak maqbud kien mixtri minn Ta' Qali Producers Group u jikkonsisti fl-unika assi li l-grupp u l-kooperattiva kellhom proprjeta' taghhom. Jigi spjegat li l-kooperattiva l-gdida kellha tiehu l-attiv u l-passiv tal-istess grupp u fil-fatt il-grupp ghandu salarji pendenti dovuti li ma thallsux, liema salarji huma krediti privileggati a tenur tal-Artikolu 20 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandhom ikunu l-ewwel debiti li jithallsu. Kopja ta' dawn is-salarji dovuti hija annessa u mmarkata Dok A.*

*Ghaldaqstant l-intimat proprio et nomine, sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi qieghed igib is-suespost ghall-konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti filwaqt li jitlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid numerat 88/14 (JM) fl-ismijiet* ***C&H Bartoli Limited vs. Peter Axisa f'ismu proprju u ghan-nom ta' Ta' Qali Producers Coop*** *sabiex l-oggetti maqbuda jkunu jistghu jinbieghu, okkorendo taht il-harsien tal-ufficjal subbastant, sabiex mir-rikavat jithallsu s-salarji dovuti."*

**Peter Axisa** xehed nhar it-8 ta' Gunju, 2016 fejn kif gie moqri lilu r-rikors promotur taghhom, huwa kkonfermah fl-intier tieghu. Spjega illi anness

ma' dan ir-rikors Dok. A hemm lista ta' salarji u hlasijiet li kellhom isiru lill-haddiema li ma sarux meta huma ghalqu. Mistoqsi effettivament xi proceduri ttiehdu spjega li hemm proceduri pendenti l-Qorti f'dan ir-rigward. Uhud minn dawn il-haddiema thallsu ghaliex kellhom fondi ohrajn, ohrajn ghadhom ma thallsux. Spjega li effettivament huwa kien ressaq ukoll proceduri kriminali quddiem il-Qorti mid-DIER u filfatt dawk il-proceduri jinsabu decizi u gie kkundannat ihallashom. Naturalment fis-sentenza tal-Qorti gie moghti zmien biex ihallas u z-zmien huwa sal-ahhar ta' Gunju 2016. Huwa xtaq illi dan il-mandat jigi revokat peress illi hemm kredituri li huma privileggjati fir-rigward ta' salarji. Oltre dan l-affarijiet li gew maqbuda permezz ta' dan il-mandat jeccedi bhala valur dak li huwa allegatament dovut. Huma filfatt kienu qeghdin izommu laqghat bejniethom u bejn is-socjeta' intimata fejn kienu pproponew li effettivament s-socjeta' intimata C&H Bartoli tiehu lura l-makkinarju li kienet bieghetilhom u effettivament ghall-ewwel donnu ftehmu pero' ma waslux. Spjega li fost l-affarijiet li hemm indikati fil-mandat hemm oggetti li jappartjenu lill-Gvern u m'humiex taghhom fosthom hemm il-*fork lifters*. Mistoqsi fejn huma l-affarijiet li huma maqbuda permezz tal-mandat spjega illi m'ghandux ideja. Spjega li safejn jaf hu hemm xi kunsinnatarju. Effettivament spjega illi l-ammont dovut lil C&H Bartoli fl-ammont ta' ghaxart elef u hames mija u tnejn u sebghin ewro (€10,572) mhuwiex kontestat.

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju 2016 fejn informa lill-Qorti li wara li ra l-lista ta' l-affarijiet maqbuda fil-mandat numru 99/14 li gie esegwit darbtejn, l-ewwel darba fl-24 ta' Frar 2014 u t-tieni darba fit-28 ta' Marzu 2014, ddikjara li l-oggetti maqbuda fl-imsemmi mandat li huma mixtrija mis-socjeta' rikorrenti u mhux imhalsa huma s-segwenti:

1. L-oggetti mmarkati bin-numri 1 u 6 li jkkonsistu *f'display refrigerated counter* li jikkonsisti fi 3 racks tal-injam, *refrigerated counter* u kompessur tad-ditta De Rigo, u *Refrigerated counter* tad-ditta De Rigo ta' lewn griz u ahdar, maqbuda nhar l-24 ta' Frar 2014 u
2. L-oggett immarkat numru 1 li jikkonsisti f'*display fridge* tal-marka De Rigo, miksija bl-injam u maghha hemm zewg *display shelves* tal-injam bir-roti u kompressur maqbuda nhar it-18 ta' Marzu 2014.

Rat dak li hemm verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 fejn il-partijiet talbu li dan ir-rikors jigi differit ghaliex kienu qed jikkoltivaw transazzjoni.

Rat illi minn dak in-nhar 'l quddiem minkejja li din il-Qorti zammet tlettax-il seduta ohra, l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta tieghu ghat-talba rikorrenti u fil-maggor parti tas-seduti lanqas deher.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-Mandat ta' Qbid numru 88/14 fl-ismijiet premessi (meta effettivament in-numru kellu jkun 99/14) u dan sabiex l-oggetti hemm maqbuda jkunu jistghu jinbieghu okkorrendo taht il-harsien tal-ufficjal subbastant sabiex mir-rikavat jithalsu s-salarji dovuti.

Illi ir-rikorrenti Peter Axisa xehed u spjega illi huwa minnu li s-socjeta' intimata fost diversi ohra hija kreditrici tieghu pero' stqarr li hemm diversi kredituri li huma privileggjati fir-rigward ta' salarji. Jghid li in effetti anke gie ikkundannat mill-Qorti sabiex ihallas dawn is-salarji. Qal li fost l-affarijiet li hemm maqbuda hemm oggetti li huma proprjeta' tal- Gvern ta' Malta fosthom hemm xi fork lifters pero' prova f'dan ir-rigward ma ressaqx

u ghalhekk jirrizulta li l-oggetti imsemmija fil-mandat ta' qbid huma kollha proprjeta' tar-rikorrenti.

**Illi din il-Qorti issibha difficli hafna li tista' tilqa' it-talba rikorrenti ghar-revoka tal-mandat f'dawn ic-cirkostanzi u b'hekk tirrilaxja l-oggetti hemm indikati pero' taqbel li jekk l-oggetti imsemmija fil-Mandat ta' Qbid numru 99/14 jinbieghu, il-flejjes li jigu rekavati ghandhom jigu depositati kollha il-Qorti sabiex b'hekk il-krediutir jithalsu skond ir-ranking taghhom.**

**Tordna ghalhekk li dan id-digriet jigi notifikat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex f'kaz li ssir is-subbasta u jinbieghu l-oggetti maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid numru 99/14, il-flejjes jigu kollha depositati l-Qorti.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**